# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn (2) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 12 ta' Frar 2014, fil-5.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Carlo Stivala | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi x-xogħol illi sar mill-Kunsill fil-ġnien Dun Karm Vella [ref punt 3.1] ma kienx jikkonsisti fuq l-elettriku. Qal illi għalaqna l-bibien tal-ġnub u saru l-bibien tal-faċċati, u li konna għamilna l-ħadid biex insaħħu s-sigurta. Il-bqija tax-xogħol ma sarx mill-Kunsill.

3.2 Is-Sindku qal ċċekja u ra li l-pulizija kienu preżenti f'triq il-Karwija għal ħin illi kien mitlub minn Agones F.C u ma telqux kmieni. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi hemm tellieqa oħra fit-2 ta' Marzu u li l-Kunsill kien qabel illi dan isir. It-triq se tingħalaq filgħodu izda l-bdiewa li għandhom il-propjeta f'dawk in-naħat għandhom ikollhom id-dritt biex jidħlu

3.3 Il-kompetizzjoni tal-isparar ma saritx wara li ma kienx hemm domanda qawwija għall-attivita [ref punt 3.6].

3.4 Is-Sindku qal illi m'hemmx għalfejn inbiddlu l-ftehim tagħna mal-Kumitat rigward is-suġġett tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq [ref punt 5.1]. Qal illi jekk ir-Reġjun jieħu x-xogħol f'idejħ, irridu nċemplu lilhom biex huma jirrapurtaw il-bozoz u ma nkunux nafu meta se jsir ix-xogħol. Il-Kunsill qabel illi nibqgħu kif qegħdin. Is-Sindku qal illi Sindki oħrajn kienu qablu li naħdmu bħala kumitat u li se jsiru ftit ammendi biex l-infieq jonqos fil-futur.

3.5 Is-Sindku qal illi wara li użat is-sala l-għalliema tal-gimnastics [ref punt 5.2], ħalliet is-sala maħmuġa.

3.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Wurth jirriklamaw il-kumpanija tagħhom fil-grawnd tagħna u, billi aċċettat li tisponsorja l-awdjovisual, dan ir-riklam jingħata b'xejn [għal sena] (ref punt nro 5.3). Il-Kunsill qabel unaniment.

3.7 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa kemm hemm propjeta fil-konfini tagħna fil-proġett tal-Ħlantun [tal-MTA] (ref punt 5.5). Is-Sindku qal illi għandna ftit inqas minn nofs l-area fejn qed isir ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-fehma tiegħu l-proġett kollu jaqa fil-konfini tagħna. Is-Sindku qal illi legalment għandna nimxu skont il-linja tal-konfini imma lmenta li ħadna ħsieb ħafna mill-manutenzjoni bir-riżorsi tagħna biex issa jgawdu ż-Żurrieq. Qal illi se jerġa jsir ix-xogħol u lmenta li se jerġgħu juzaw l-istess materjal li nħolqu l-problemi s'issa u għalhekk jemmen illi se nerġgħu nitfaċċaw problemi fil-futur.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi lesta t-tender għal ġnien il-Ħelsien. Min hu nteressat għandu sat-13 ta' Marzu biex japplika għat-tender.

3.9 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil lmenta li s-sleeping policeman ta' triq Ta' Ġawħar ma saritx [ref punt nru. 7.1] u fakkar illi s-Sindku qal illi se jerġa jwaħħalha f'postha.
Il-kunsillier Publius Abdilla qabel mal-ilment.
Is-Sindku qal illi mhux ħa jiċħad illi qal hekk u żied illi l-Viċi Sindku kien ippropona li nieħdu parir ta' TM. Qal illi kiteb lil TM. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi m'hemmx bzonn approvazzjoni minn

TM biex naċċertaw is-sigurta tar-raħal, u peress illi kienet ilha snin hemmhekk. Is-Sindku ħareġ ukoll petizzjoni tar-residenti li esprimew ix-xewqa tagħhom li ma terġax titwaħħal l-isleeping policeman.

Il-kunsillier Publius Abdilla ilmenta li qed jiġu ttrattati bħat-tfal żgħar u li hu jaħseb illi l-petizzjoni ilha lesta. Qal illi jħoss illi qed jidħol għal laqgħat tal-Kunsill għal xejn u li qed isiru affarijiet minn wara daru u ta' sħabu. Is-Sindku qal illi m'għandux għalfejn iħoss hekk, u li ma jistax ma jagħtix każ il-petizzjoni. Fakkar lill-kunsilliera kollha li kienu qablu li għandna naċċettaw kull petizzjoni bħala wegħda elettorali.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq l-azzjoni li ttieħdet u qal illi hemm min hu kompliċi fil-Kunsill stess. Reġa qal illi l-isleeping policeman għandha terġa titwaħħal għas-sigurta tar-residenti.

Is-Sindku ċaħad illi hemm min hu kompliċi fil-Kunsill u qal illi issa jekk TM jirċievu lmenti rigward kull sleeping policeman fir-raħal, ikollna nneħħuhom kollha peress illi saru mingħajr permess. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi mhux qegħdin jgħidu li hu kompliċi għax qed jaħdem id f'id ma min neħħa s-sleeping policeman, izda għax ma reġax waħħalhom wara dawn ix-xhur kollha. Is-Sindku ċaħad dawn l-akkuzi. Qal ukoll illi l-ħaddiema ħadmu ħafna f'dawn l-aħħar xhur għax kien hemm ħafna xogħolijiet oħrajn illi kellhom isiru. Ilmenta wkoll li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil mar fuq wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL biex jiffaċjaħ għal messaġġ li dan kiteb fuq facebook biex jgħid prosit lil Kunsill għal ftuħ tal-Uffiċju Soċjali fir-raħal. Qal ukoll illi l-ħaddiema qalulu li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil, meta kien Sindku, ma kienx iħallihom jitkellmu miegħu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ċaħad dan u qal illi jekk iridu għandhom jiġu quddiem il-kunsilliera kollha biex jgħidu li għamel hekk.

Fuq is-suġġett tal-isleeping policeman il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kienu mwegħdin illi terġa titwaħħal jekk jaqblu 4 kunsilliera imma qal illi s-Sindku ma żammx mal-kelma tiegħu.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jixtieq jisma r-rekordju tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill peress illi hu ċert illi s-Sindku qal illi dan ix-xogħol se jsir qabel il-laqgħa tal-Kunsill u dan ma kienx imnizzel fil-Minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jistax jaqbad l-awdjo fuq il-parti li jixtieq jisma s-sur Busuttil dak il-ħin għax ikollu jisma l-awdjo tal-laqgħa mill-bidu u ma kienx hemm ħin biex jagħmel hekk fil-laqgħa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab illi r-rekording ikun lest fil-laqgħa li jmiss.

Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma jistax jemmen illi dan kollu qed isir wara li l-isleeping policeman kien hemm diġa u ma kienx hemm ilmenti qabel ma tneħħew.

Il-Viċi Sindku Johan Mula talab għal proċeduri li suppost nieħdu f'dan il-kaz. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi TM għandhom jiġu u jaraw jekk l-isleeping police tal-plastik huma tajbin. Għalhekk il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jemmen illi għandna nistennew għar-risposta ta' TM.

Is-Sindku qal illi hu lest jibgħat ukoll lid-Dipartiment. Fakkar illi l-isleeping police kien f'post ieħor qabel, u l-Kunsill preċedenti ħa d-deċiżjoni biex iressaq dan mingħajr ma sema l-opinjonijiet tan-nies. Qal ukoll illi jemmen illi hemm nuqqas ta' ftehim miegħu fuq dan is-suġġett bħala parti mill-kampanja elettorarli u ma qabilx illi għandha ssir.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dejjem hemm kampanja fin-nofs izda xorta waħda hemm ix-xogħol illi rrid isir. Ilmenta ukoll fuq it-tabella "Merħba: Ħal Safi" ta' triq San Ġwann li twaħħlet wara ħafna xhur. Ilmenta li mhix fil-post fejn kellha teħel [qegħda viċin wisq it-tabella ta' Ħal Kirkop] u lmenta għax ġiet iqsar milli kienet qabel u iqsar minn ta' Ħal Kirkop. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil reġa mar lura fuq is-suġġett tal-isleeping policeman u qal illi ma jistax jaċċetta li s-Sindku mar kontra l-kelma tiegħu u reġa qal illi jixtieq jisma l-awdjo tal-laqgħa fil-laqgħa li jmiss. Fis-6.20pm qal illi ma jafx għalfejn jidħol għal laqgħat tal-Kunsill peress illi d-deċiżjonijiet illi qed jittieħdu qegħdin jittieħdu għal xejn u.

Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna naħsbu fis-sigurta tan-nies l-ewwel u qabel kollox. Is-Sindku qabel izda qal illi ma jixtieqx jagħti fastidji lir-residenti u jixtieq jitkellem magħhom l-ewwel. Il-kunsillier Publius Abdilla qal ukoll illi fil-passat resaqna sleeping policeman għax kien hemm qbil fil-Kunsill. Is-Sindku qal illi fil-passat kien qabel mad-deċiżjoni imma issa hemm min qed jieħu fastidju għax ittieħdet dik id-deċiżjoni mingħajr ma kien hemm komunikazzjoni mar-residenti.

Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi din qed toħloq diffikultajiet għal xejn u iħoss illi kien hemm manuvra apposta peress illi ftit wara ma ħadu deċiżjoni fl-aħħar laqgħa biex jagħmlu l-isleeping policeman f'postu, il-Kunsill irċieva petizzjoni. Għalhekk ħass illi qegħdin isiru deċiżjonijiet mingħajr il-kunsens tal-Kunsill u qal illi jħoss illi għalhekk m'għandux għażla ħlief biex jagħmel bħall-kunsillier Pietru Pawl Busuttil u fis-6.25pm ħareġ mill-kamra u ħareġ il-barra.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex nikkanċellaw il-laqgħa peress illi ma kienx hemm quorum.

Fis-6.25pm, peress illi kien hemm nuqqas ta' quorum [2 vs 3], intemmet il-laqgħa tal-Kunsill mingħajr ma ġew diskussi dawn il-punti fl-Aġenda: Payment Approval Sheet, Korrespondenza, Ħwejjeġ Oħra u l-bqija tal-arising u korrezzjonijiet tal-Minuti (sa 7.1). Dawn se jiġu diskussi, flimkien mas-suġġett tal-isleeping policeman, fil-laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |